MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 127/2003

**Antoinette Said**

**vs**

**Adrian Triganza**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420) dovuti bhala hlas ta' danni sofferti minnha per konsegwenza ta' incident li sehh fi Pjazza l-Arcipriet Martin Camillieri fin-Nadur, Ghawdex fil-lejl ta' bejn il-wiehed u ghoxrin (21) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) meta l-istess konvenut laqat it-tabella tal-hanut proprjeta' tal-mittenti bit-truck misjuq minnu bin-numru tar-registrazzjoni EBB 036.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta lilu fit-2 ta’ Ottubru 2003 (Dok A) u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u minkejja li ghadda t-terminu ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2004 f’liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur, approvati mit-Tribunal u ssigillati mid-Deputat Registratur; u lanqas deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni minghajr ma gab ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM420 ammont ta’ danni minnu kkawzati fl-incident
awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 t’Ottubru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------